MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1046/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**
**KONTRA**

**SIMON BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra;

Simon Borg ta' 25 sena, bin Amadeo u Josephine nee' Caruana, mwieled Pieta' nhar l- 21 ta' Marzu 1985, residenti Queen's Flats, No. 3, Triq Sir William Reid, Gżira u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 208085M;

Li ġie imressaq quddiemha sabiex iwieġeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli bejn il- lejl tad- 9 ta’ Ottubru u l- 10 ta’ Ottubru, bejn il- 11.30pm u 12.30am, minn ġewwa l- Gżira;

1) Ikkommetta serq minn ġewwa vettura bin- numru DAU 995 tal- għamla Hyundai, li sar għad- detriment ta’ Charles Debono u/ jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li jeċċedi s- somma ta’ €232.94, iżda inqas minn €2,329.37, bil- ħin, u bix- xorta tal- ħaga misruqa;

2) Ikkommetta serq minn ġewwa vettura bin- numru ABC 456 tal- għamla Toyota, li sar għad- detriment ta’ Maria Carmela Galea u/ jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- ħin u bix- xorta tal- ħaga misruqa;

3) Ikkommetta serqa minn ġewwa vettura bin-numru CBR 387 tal- għamla Hyundai, li sar għad-detriment ta’ Stephen Camilleri u/ jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- ħin u bix- xorta tal-ħaga misruqa;

4) Ikkommetta serq minn ġewwa vettura bin- numru GBC 116 tal- għamla Fiat, li sar għad- detriment ta’ Sergio Gatt u/ jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix- xorta tal- ħaga misruqa;

5) Akkużat ukoll talli fl- istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq vettura bin- numru tar- reġistrazzjoni DAU 995 tal- għamla Hyundai, għad- dannu ta’ Charles Debono u/ jew persuni ohra, liema ħsara ma tiskorriex l- €1,164.69, imma iżjed minn €116.47;

6) Akkużat ukoll talli fl- istes data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq vettura numru tar- reġistrazzjoni ABC 456 tal- għamla

Toyota, għad- dannu ta’ Maria Carmela Galea u/ jew persuni ohra, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;

7) Akkużat ukoll talli fl- istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, meta għamel hsara fuq vettura numru tar- reġistrazzjoni CBR 387 tal- għamla Hyundai, għad- dannu ta’ Stephen Camilleri u/ jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex l- €1, 164.69 imma iżjed minn €116.47;

8) Akkużat ukoll talli f’ dawn l- aħħar xhur, f’ dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’ kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti misruqin ġejjin minn reati ta’ serq ikkwalifikat bil-valur li jiswa aktar minn €232.94;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proċeduri, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, żmien xieraq skond il-liġi sabiex jikkonsidra, u għalhekk il-Qorti setgħet tgħaddi minnufih għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, irregistrata fl-istadju tal-esami tieghu a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant sejra tikkonsidra l-piena. Jidher illi l-imputat ghandu problema ta’ dipendenza fuq id-droga, li

qed twasslu ghall-kommissjoni ta' reati ta' serq minn vetturi, bir-riskju li xi darba jkollu jservi sentenza ta' prigunerija. F'din il-kawza, l-imputat ammetta li seraq oggetti ta' valur minn erba' vetturi, u ghamel hsara lil tlieta minnhom. Mil-fedina penali tieghu, jidher li l-Qorti gia' tatu opportunita' biex ibiddel din id-direzzjoni ta' hajtu, izda dan ma sarx, ghalkemm kienu biss zewg sentenzi ta' liberazzjoni kondizzjonata. Ghalhekk, filwaqt li sejra tinghata l-ahhar opportunita' lill-imputat, din il-Qorti ser tkun aktar severa mieghu, u sejra taghti sentenza ta' prigunerija, liema sentenza izda ma tidholx fis-sehh sakemm ma jwettaqx reat iehor fiz-zmien operattiv tas-sospensjoni taghha. F'dan it-terminu ta' zmien, l-imputat ser ikun sorveljat ukoll minn Ufficjal tal-Probation, kemm biex jinghata ghinuna ghall-kura mid-dipendenza fuq id-droga, kif ukoll biex jinghata direttivi mill-Ufficjal u jsegwihom skrupolozament. Inoltre, il-Qorti sejra tordna lill-imputat sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat li hu ghamel fil-vetturi indikati fit-tahrika, u ghalhekk ser jigi ordnat ihallas lis-sidien rispettivi ghal dawk il-hsarat, entro terminu prefiss mil-ligi, tant li jekk il-hlas relattiv ma jsirx, il-Qorti tkun tista' tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija. B'dan il-mod, il-Qorti qed tipprova tghin lill-imputat milli jerga' jikkommetti reati ohra biex jissostanzja l-htiega li jiehu d-droga, u fl-istess waqt tordnalu li jaghmel tajjeb ghall-hsara li wettaq, kif ukoll li timponi fuqu misura ta' sorveljanza permezz tat-theddida tas-sentenza ta' prigunerija sospiza u permezz tal-interventi tal-Ufficjal tal-Probation, u dan ghall-protezzjoni tal-proprjeta' ta' terzi u ghall-harsien tas-sahha tal-istess imputat. Il-Qorti qed tuza l-mezzi kollha ghad-disposizzjoni taghha biex tara li dan ir-reat ma jigix ripetut, tghin lill-imputat jirriforma ruhu, u tordnalu jaghmel tajjeb ghal ghemilu. L-interess ewlieni tal-Qorti hu li ssib bilanc gust u ekwu bejn il-harsien tad-drittijiet tas-socjeta' civili mill-attivita' kriminali u l-effetti taghha, u l-applikazzjoni ta' piena li tindirizza r-restituzzjoni tal-hsara maghmula u r-rijabilitazzjoni tal-imputat lura fis-socjeta'

**Għal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 325, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat illi l-imputazzjoni tal-hsara volontarja fuq il-vetturi tirrisulta li kienet mezz ghall-fini, u ghalhekk ghandu jkun hemm assorbiment fil-piena ghal dik l-imputazzjoni;

Wara li rat illi l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal dik ta’ serq, u ghalhekk il-Qorti tista’ tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat ħati u għaldaqstant tikkundannah sena priġunerija sospiża għal tlett (3) snin taħt superviżjoni ta’ Ufficjal tal-Probation, ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat iħallas is-somma ta’ elf, mija u ħmistax-il ewro (€1,115) lill- persuni ndikati fi żmien sitt (6) xhur, ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------